MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 216/2007

Il-Pulizija
(Spt. A. Gafa')
Vs
Grace Gatt nee' Bartolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-23 ta' Mejju, 2006 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda'

1. haddmet agenzija ta' gwardjani privati bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwadjani Privati u Lokali, Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu;

2. fl-istess perjodu u cirkostanzi, haddmet jew kienet impjegata bhala gwardjan privat bi ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ta' xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu;
3. fl-istess perjodu u cirkostanzi, filwaqt li kienet ufficjal jew impjegat pubbliku, ghamlet reati li hi kellha tissorvelja biex ma jsirux jew li minhabba l-kariga taghha kellha d-dmir li timpedixxi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Mejju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 25(a) u (b) tal-Kap. 389, u l-Artikoli 18, 23, 31 u 141 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha w tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-appellanti ammettiet fi stadju bikri tal-kawza w il-fedina penali netta tal-appellanti w wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannataha ghall-piena komplessiva ta' sena prigunerija w ordnat li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn (2) l-appellanti tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.
Inoltre l-Qorti, wara li qieset it-talba tal-Ufficjal Prosekutur maghmula fil-verbal tas-seduta li l-Qorti fis-sentenza taghha, oltre li tordna l-konfiska tal-oggetti presentati li gew immarkati bhala minn Dok AG6 sa Dok AG15 u minn Dok PCP1 sa Dok PCP5, tenut kont li dawn huma oggetti ta' natura sensittiva w jirrigwardaw terzi persuni, ordnat ukoll id-distruzzjoni ta' dawn l-oggetti, l-Qorti pprovdiet ghal din it-talba billi bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-konfiska w ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala minn Dok AG6 sa Dok Ag15 u minn Dok PCP1 sa Dok PCP 5 u ghal fini ta' tali distruzzjoni innominat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali sabiex jaghmel tali distruzzjoni, liema Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ghandu wara li ssir tali distruzzjoni jippresenta rapport in rigward fir-Registru ta' din il-Qorti sabiex ikun inserit fl-atti ta' din il-kawza.
Il-Qorti tat lill-appellanti l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta''Malta.

Finalment ordnat lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jkun notifikat b’kopja ta’ din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-4 ta’ Gunju, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata fis-sens li tillibera l-appellanti mill-akkuzi kollha migjuba kontriha.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi fl-udjenza tal-5 ta' Lulju, 2007, Dr. Stephen Tonna Lowell, ghall-prosekuzzjoni, eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell ghax ma fihx il-fatti fil-qosor;

Semghet it-trattazzjoni dwar din il-pregudizzjali w dwar il-mertu, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni tan-nullita' tal-appell;

Rat l-ordni taghha biex dan l-appell jigi rikjamat ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-artikolu 419 (1) (a) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li :

***"Ir-rikors , barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji , ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita' -***
***(a) il-fatti fil-qosor."***

Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Dr. V. De Gaetano (illum Prim. Imhallef) fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **“Il-Pulizija vs. Joseph Said**” [25.7.1994] :-

*“Il-gurisprudenza, ormai kopjuza dwar in-nullita’ tar-rikors tal-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita’ procedurali izda gurisprudenza bbazata fuq*

*interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi (Art. 419 (1)…"Il-principji stabiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal , per ezempju , "**Il-Pulizija vs. Lawrence Zammit u Paul Spiteri"** [25.7.1986] ; **"Il-Pulizija vs. Alfred Debono"** [23.4.1992] u l-"**Il-Pulizija vs. Julian Bonello"** [14.5.1992], lkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tlitt propozizzjonijiet : (1) ir-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b' mod car u komplet , b' mod li l-kontropoarti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruha jew tittratta , u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-izvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjaramenti mehtiega; (2) il-ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwhom ; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice versa. …f' dan il-kaz l-espozizzjoni tal-fatti hija karenti ghal kollox."*

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Vincent Fenech**" [17.10.1997], din il-Qorti ukoll preseduta mill-Imhallef Dr.V. De Gaetano qalet li ghalkemm *: "tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem , hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni , cioe' ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att."*

Illi jidher car li f'dan il-kaz ukoll l-espozizzjoni tal-fatti hija ukoll karenti ghal kollox . Hu minnu li fl-ewwel paragrafu w cioe' qabel ma l-appellanti qalet ta' x' hiex giet akkuzata jintqal testwalment :-

*"Illi madwar sena ilu membri tal-Korp tal-Pulizija mhux maghrufa ghamlu perkwizizzjoni fid-dar residenzjali ta' l-appellanti u pprelevaw diversi oggetti audio-vizivi inkluzi 'video camera', 'photo cameras' u 'lap-top computer' mill-istess dar residenzjali."*

pero' ma jissemma xejn aktar. Isegwu mbaghad sitt paragrafi fejn l-appellanti tghid ta' liema reati giet

akkuzata, u fejn tirriepiloga s-sentenza tal-Ewwel Qorti, umbaghad tghaddi biex taghmel sottomissjonijiet ta' natura legali, fejn nonostante l-ammissjoni cara, skjetta w inkondizzjonata taghha quddiem l-Ewwel Qorti, tikkonkludi li hi qatt ma setghet tinstab hatja w li hi ammettiet ghal reati inezistenti. Finalment il-paragrafu konklussiv jikkontjeni t-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata "*fis-sens li tillibera l-appellanti mill-akkuzi kollha migjuba kontriha".*

Illi apparti li dan l-ewwel paragrafu tar-rikors tal-appell fuq riprodott - jekk stess hu paragrafu intiz biex jghid x' inhuma l-fatti fil-qosor, kif issottomettiet l-abbli difensur - normalment m' ghandux ikun inserit fejn gie inserit fl-istezura normali ta' rikors tal-appell kriminali, fil-fatt ma jitfa' assolutament ebda dawl fuq il-fatti tal-kaz u kif dawn il-fatti ghandhom jinkwadraw f' xi aggravju ta' natura legali jew fattwali fil-parti li tkun umbaghad dedikata ghall-aggravji.

Illi l-abbli difensur, Dr. Galea ssottomettiet fit-trattazzjoni orali li l-appell kien jirrigwarda n-nullita' tas-sentenza appellata biss u ghalhekk implicitament l-appellanti ma kienetx tenuta li tidhol fil-fatti tal-kaz. Dan pero' mhux korrett ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok l-appellanti ma talbitx li s-sentenza appellata tigi dikjarata nulla, imma li tigi revokata b' dikjarazzjoni ta' liberazzjoni. Fit-tieni lok, jekk stess kienet qed taghmel talba ghan-nullita' tas-sentenza, stante li f' dik l-eventwalita' din il-Qorti , skond l-art. 428 (3) kien ikollha l-fakolta' li tiddeciedi hi stess il-kawza mill-gdid fuq il-mertu, kien xorta wahda ikun utili hafna li jkun hemm il-fatti fil-qosor biex din il-Qorti tkun tista' tidentifika mill-ewwel il-fatti in kontestazzjoni o meno. Il-vot tal-ligi kontenut fl-artikolu 419 (1) (a) ma jaghmel ebda distinzjoni bejn appelli fejn ikun hemm talba ghall-dikjarazzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata w talba ghar-revoka jew riforma tal-istess.

Fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. Herman Mckay u Stiano Agius"** [7.1.2004] kien gie dikjarat null rikors ta' l-appell tal-Avukat Generali ghall-istess raguni, u cioe' li ma kienx fih il-fatti fil-qosor , minkejja li l-Avukat Generali kien

issottometta li trattandosi ta' appell f' kaz fejn kien hemm ammissjoni, kellu biss isemmi x' gara fil-kawza bla ma jidhol fil-fatti tal-kaz.

*Ghal dawn il-motivi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiddikjara r-rikors tal-appellanti rritu w null ghax ma jissodisfax ir-rekwiziti mehtiega taht piena ta' nullita' mill-artikolu 419 (1)(a) tal-Kap.9.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------